

32004D0600

L 271/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.8.2004

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

### ta' l-4 ta' Awwissu 2004

**li taċċetta impenn offrut f'konnessjoni mal-proċedimenti anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet tal-polyethylene terephthalate li joriġina, *inter alia*, mill-Australja**

**(2004/600/KE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup> (ir-'regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi,

### A. IL-PROĊEDURA

- (1) Fid-19 ta' Frar 2004, il-Kummissjoni imponiet, bir-Regolament (KE) Nru 306/2004<sup>2</sup>, dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' poly(ethylene terephthalate) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'PET' jew 'il-prodott ikkonċernat') li joriġina fl-Australja, fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Pakistan ('ir-Regolament provviżorju').
- (2) Wara l-adozzjoni tal-miżuri anti-dumping provviżorji, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tad-dumping, īxsara u l-interess tal-Komunità. Is-sejbiet definitivi u l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2004<sup>3</sup> li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-PET li joriġina mill-Australja, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Pakistan ('ir-

<sup>1</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

<sup>2</sup> ĠU L 52, 21.2.2004, p. 5.

<sup>3</sup> Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

## Regolament

definitiv').

- (3) L-investigazzjoni kkonfermat is-sejbiet provviżorji ta' dumping ta' ħsara li jirrigwardaw l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Australja u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

**B. L-IMPENN**

- (4) Wara l-adozzjoni tal-miżuri anti-dumping provviżorji, produttur kooperativ li jesporta fl-Australja (Leading Synthetics Pty Ltd) offra prezz tal-impenn skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. F'dan l-impenn, il-produttur li jesporta kkonċernat offra li jbiegħ il-prodott kkonċernat fil-livell jew fuq il-liveli ta' prezziżiet li jeliminaw l-effett ta' ħsara ta' dumping.
- (5) Il-kumpanija se tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u dettaljata dwar l-esportazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità, li jfisser li l-impenn jista' jiġi ssorveljat b'mod effettiv mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ tal-kumpanija hija magħmula b'mod li l-Kummissjoni tikkunsidra li r-riskju li l-impenn ma jinżammx huwa wieħed limitat.
- (6) Minħabba dan, huwa kkunsidrat li l-impenn ikun aċċettat.
- (7) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-kumpanija mal-impenn, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-impenn issir lill-awtorità rilevanti tad-dwana, l-eżenzjoni mid-dazju għandha tiddependi fuq li tkun preżentata fattura li jkollha mill-inqas il-punti ta' informazzjoni elenkti fl-Anness 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/2004. Dan il-livell ta' informazzjoni hu wkoll meħtieġ sabiex jippermetti lill-awtoritajiet tad-dwana jaċċertaw irwieħhom bi preċiżjoni suffiċċenti li l-ġarr jikkorispondi mad-dokumenti kummerċjali. Meta ma tkunx ippreżentata fattura bħal din, jew meta ma tikkorrispondix mal-prodott ippreżentat lid-dwana, għandu minflok jitħallas l-ammont xieraq ta' dazju anti-dumping.
- (8) Fil-każ ta' ksur jew irtirar tal-impenn, jew ksur issuspett, jista' jiġi impost dazju anti-dumping skont l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament bażiku,

IDDECIDIEK KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-impenn offrut mill-produttur esportatur imsemmi hawn iffel, b'konnessjoni mal-proċediment anti-dumping preżenti dwar importazzjonijiet ta' ċertu poly(ethylene terephthalate) li joriġina mill-Australja, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Pakistan huwa b'dan aċċettat.

Pajjiż	Il-manifattur	Kodiċi TARIC addizzjonal

Awstralja	Leading Synthetics Pty Ltd	A503
-----------	----------------------------	------

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmulu fi Brussell, 4 ta' Awwissu 2004.

*Għall-Kummissjoni  
Pascal Lamy  
Membru tal-Kummissjoni*